MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 598/2003

**Ruth Grixti**

**vs**

**Fexco (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm447) rappresentanti rifuzjoni ta' flus li l-attrici hallset lis-socjeta konvenuta sabiex din taghmel pagament lil terzi persuni, skond il-proceduri li l-istess socjeta konvenuta hija obbligata li taghmel, u dana minhabba negligenza fejn sar pagament minghajr awtorizazzjoni, "password", u identita mehtiega sabiex isir zbank tal-flus iddepozitati fl-istess ufficcju tal-konvenut.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fil-21 ta' April 2003, fejn hija ecceppiet illi:
1. is-socjeta konvenuta wettqet l-inkarigu taghha skond is-sengha u l-arti u skond struzzjonijiet moghtija mill-attrici; u inoltre ma ghandha taghti xejn lill-attrici.
2. Sussegwentement, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kemm il-darba jinsab illi l-attrici hija ezenti minn kull responsabbilta' fl-allegat telf taghha, is-socjeta konvenuta xorta ma hijiex il-legittima kontradittrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attrici li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta'l-attrici u ta' Shirley Bowman, Daniela Vella u David Borg Hedley in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici qieghda tippretendi minn ghand is-socjeta konvenuta rifuzjoni ta' flus illi hija ghaddietilhom sabiex l-istess jintbaghtu barra minn Malta u cioe' il-Germanja bhala hlas ghal computer illi l-istess attrici kienet akkwistat minn ghand terza persuna minn fuq l-internet. Illi l-attrici tikkontendi illi meta hija marret l-ufficju tas-socjeta konevnuta sabiex tibghat dawn il-flus hija kienet addottat il-procedura solita illi taghti isem fittizju u *password*, bil-kundizzjoni illi dawn il-flus ma jigux irrilaxxjati mill-ufficcju tal-Wetern Union barra minn Malta qabel ma l-persuna li lilha kien qieghed isir dan il-hlas ma taghtix dan l-isem fittizju u l-*password* indikati mill-istess attrici. Fil-fatt l-attrici tikkontendi illi l-ftehim mal-persuna li minn ghandha kienet ser takkwista dan il-*computer* kien illi hekk kif hija tircevi l-merkanzija, tghaddi l-isemm fittizju u l-*password* lil din il-persuna sabiex hija tkun tista' tircevi l-hlas li hija kienet baghtet tramite l-Western Union.

Gara madanakollu illi skond kif tallega l-attrici, l-flus gew irrilaxxjati erbgha u ghoxrin siegha wara li l-attrici kienet effetwat il-pagament minghajr d-debita awtorizazzjoni u cioe’ minghajr ma’ din il-persuna ma ghaddietilhom l-isem fittizju u l-*password*, bil-konsegwenza illi l-attrici sfat defrawdata billi l-merkanzija hija baqghet ma ircevietha qatt, ghalkemm il-flus kienu thallsu. L-attrici tghid illi hekk kif ghamlet il-hlas hija kienet ghaddiet in-numru tar-ricevuta u cioe’ il-*money control number* lil persuna li kien ser jircevihom sabiex ikun jista’ jivverifika illi l-hlas kien verament sar. Meta hija ikkuntattjat il-persuna li kienet hadet dawn il-flus huwa infurmaha illi kien hemm xi hbieb tieghu fl-ufficcju tal-Western Union li kienu sarrfulu l-flus li l-attrici kienet bghatitlu minghajr ma kellu bzonn ighaddilhom il-*password* u l-isem fittizzju.

Illi fix-xhieda ta’ Shirley Bowman, impjegata ma-socjeta konvenuta li kienet qdiet lill-attrici meta dina marret l-ufficju taghhom sabiex taghmel il-*money transfer* in kwistjoni, ikkonfermat illi l-attrici kienet tatha id-dettalji taghha flimkien man-numru tal-karta ta’l-identita’ u d-dettalji tal-persuna li lilha kellhom jintbaghtu dawn il-flus. Tikkonferma inoltre illi l-attrici kienet tatha ukoll *password* u dana bhala sigurta. Hija tikkonferma ukoll illi meta tinghata *password*, il-flus ma jigux irriliaxxjati qabel mal-klijent jirrispondi ghat-*test question* u cioe’ qabel ma jaghti din il-*password*. Pero’ hija tikkontendi illi din hija l-procedura segwita fl-ufficju taghhom Malta u ma tistax tghid dak li isir barra minn Malta.

Illi min-naha tieghu David Borg Hedley, rappresentant tas-socjeta konvenuta, li xehed dwar il-procedura li tigi segwita mill-ufficcji tal-Western Union, qabel ma jigu rilaxxjati xi flus, jikkontendi illi anke fil-kaz li issir it-*test question* u ikun hemm *password*, il-flus xortawahda jigu rilxxjati jekk il-persuna li lilha ikunu intbaghtu l-flus turi xi forma ta’ identifikazzjoni, bhal passaport, u jaghti d-dettalji tieghu personali, minghajr il-bzonn li issir it-*test question*. Jikkonferma madanakollu illi kull pajjiz isegwi il-prassi tieghu u ma hemmx prassi uniformi ghal ufficcji kollha tal-Western Union.

Ikkunsidra,

Illi qabel xejn jirrizulta mix-xhieda ta' David Borg Hedley, illi s-socjeta konvenuta tirrapprezenta il-Western Union Money Transfer gewwa Malta. Dokumenti li jindikaw dan, madanakollu, ma gewx esebieti la mill-attrici u lanqas mis-socjeta konvenuta. Il-procedura li hija segwita sabiex jigu rilaxxjati l-flus hija illi il-persuna li tkun ser tircevi dawn il-flus, taghti id-dettalji taghha, flimkien mad-dettalji tal-persuna li tkun qed tibghat il-flus u il-*money control number*, li huwa in-numru tar-ricevuta. Kif jinghataw dawn id-dettalji il-flus jigu rilaxxjati. Mid-dokumenti esebiti (Dokument RG1 u Dokument DB1), jirrizulta illi effettivament il-persuna li lilha inghataw il-flus hija l-istess persuna li lilha intbaghtu dawn il-flus mill-attrici. Jirrizulta ukoll illi din il-persuna kellha il-*money control number* f'idejha peress illi kienet l-attrici stess li ghaddietulha hekk kif ghamlet it-transfer. Mid-dokument RG1, jidher ukoll illi kienet inghatat it-*test question* u cioe' il-*password*, izda l-flus gew irrilaxxjati mill-Western Union barra minn Malta minghajr ma saret din it-*test question*.

Illi ghandu jinghad qabel xejn illi ma tressqet l-ebda prova, ghajr ghax-xhieda ta' David Borg Hedley rigward il-konnessjoni li hemm bejn il-Western Union gewwa l-Germanja u s-socjeta konvenuta. Illi l-attrici naqqset illi tressaq provi f'dan ir-rigward u ghalhekk illi tipprovdi ness bejn in-nuqqas, jekk kien hemm, da parti tal-Western Union gewwa l-Germanja u is-socjeta konvenuta. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attrici ma irnexxiliex tipprova illi s-socjeta konvenuta ma ezercitax id-diligenza mehtiega u li kienet negligenti min-naha taghha. Altrocche, jidher illi s-socjeta konvenuta ghamlet dak li giet inkarigata illi taghmel u cioe' li tibghat il-flus barra minn Malta mill-iktar fis.

Illi jekk l-ufficju tal-Western Union barra minn Malta irilaxxjaw il-flus indebitament u minghajr l-awtorizazzjoni mehtiega kif indikat mill-attrici, ta' dan certament ma ghandhiex x'tahti s-socjeta konvenuta, iktar u iktar meta, kif jinghad iktar 'il fuq ma hemmx l-icken prova rigward r-

rappresentanza legali u guridika li ghanda l-istess socjeta konvenuta tas-socjeta kummercjali tal-Western Union. Fi kwalunkwe kaz, jirrizulta illi s-socjeta konvenuta lanqas ma giet imharrka fil-vesti taghha ta’ rappresentant tal-Western Union, izda giet imharrka fil-vesti taghha personali. Illi l-piz tal-prova tinkombi fuq l-attrici, li min-naha taghha naqqset illi tressaq provi li iwasslu lit-Tribunal sabiex isib xi htija jew nuqqas fis-socjeta konvenuta, kif imharrka.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk, is-socjeta konvenuta ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata minnha hija wahda gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u ighaddi sabiex filwaqt li jichad it-talbiet attrici, jillibera lis-socjeta konvenuta, kif imharrka, mill-osservanza tal-gudizzju, b’riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici skond il-ligi.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------